# Ir-rapport ta' l-Eżaminatur Ewlieni ta' L-Istudji Soċjali

## Eżami ta' L-Istudji Soċjali

## Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-*Junior Lyceum* 2002

### Daħla

Din is-sena wkoll l-eżaminaturi qagħdu attenti ħafna għal diversi fatturi li jagħmlu karta ta' eżami waħda ta' kwalita`. Dawn il-fatturi jistgħu jinġabru f'din il-lista :

- Saru żewġ verżjonijiet tal-karta, waħda bl-ilsien Malti u oħra bl-ilsien Ingliż.
- Il-karta ta' l-eżami kienet modifikata biex tkun tista' tintuża aħjar ukoll minn tfal neqsin mis-smigħ.
- Saret verżjoni b'ittri akbar għal tfal xi ftit neqsin mid-dawl.
- Fit-tqassim tal-karta kien hemm attenzjoni kbira biex stampi u mappi jkunu kbar biżżejjed u ċari.
- Kull test għal skop ta' referenza, f'eżerċizzji ta' komprensjoni, kien stampat b'mod li t-tfal ma jkollhomx għalfejn kull darba jqallbu l-paġni biex iwieġbu.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb li fil-mistoqsijiet ma jkunx hemm diskriminazzjoni dwar 'ġens', arja ġeografika u ħwejjeġ oħra.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb biex iqassmu l-marki tajjeb fuq kull settur tas-sillabu, jiġifieri l-ambjent ġeografiku, dak uman u dak storiku.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb li jqassmu l-marki fi tliet livelli differenti, jiġifieri eżerċizzji ta' livell ħafif, oħrajn ta' toqol medju u oħrajn ta' livell ftit jew wisq iżjed ta' sfida.
- L-eżaminaturi fasslu l-karta b'mod li jassessjaw ħiliet differenti li jinġabru taħt għerf, fehma, ħiliet u attitudnijiet.
- Saru arranġamenti speċjali għal għadd mhux żgħir ta' tfal li kienu ċertifikati li jinħtieġu din l-għajnuna.

B'riżultat ta' dan, it-tfal KOLLHA li qagħdu għal dan l-eżami tellgħu marki biżżejjed li juru x'jafu u jkunu inkuraġġiti jkomplu jitgħallmu u jistudjaw.

### Mistoqsija A Dwar it-Temp

### Tip = Tajba jew Ħażina

Eżerċizzju ħafif bil-ħsieb li jgħin lit-tfal inaqqsu t-tensjoni u l-biża' mill-eżami. Fil-fatt, bosta kienu t-tfal li f'dan l-eżerċizzju kisbu l-marki kollha. Xi ftit ma kinux jafu xi jkun 'anemometru'; xi oħrajn jekk il-merkurju fit-termometru jitlax jew jinżilx meta tkun il-kesħa.

## Mistoqsija B Dwar l-Ambjent Uman

## Tip = Sing taħt it-tnejn tajbin f'kull sentenza

Għadd kbir ġabu kollox tajjeb. Iżda, numru mhux ħażin ta' studenti ma fehmux sewwa x'kellhom jagħmlu u għamlu sing wieħed biss f'kull sentenza meta kellhom jagħmlu tnejn. Barra dan, xi ftit jidher li ma kinux jafu t-tifsiriet tal-kliem 'vandaliżmu', 'irvell' u 'informatika' u għalhekk ma ħadux il-marki kollha.

## Mistoqsija Ċ Dwar id-Difiża fi żmien il-Kavallieri

## Tip = Imla tajjeb il-vojt bil-kliem mogħtija

Bosta kienu li ħawdu l-Forti San Mikiel (L-Isla) ma' dak ta' Sant'Anġlu (Il-Birgu). Kienu ħafna wkoll dawk li kitbu "Il-Port il-Kbir ta' madwar il-fortifikazzjonijiet" flok, kif suppost kellha tinkiteb, jiġifieri "Il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir". Dawn huma indikazzjonijiet ta' tagħlim bl-amment mhux mgħejun minn għajnuniet viżwali.

## Mistoqsija D Dwar il-pajjiżi tal-Mediterran

## Tip = Uża l-Mappa tal-Mediterran u Imla tajjeb il-vojt

Bosta urew li jafu tajjeb il-mappa tal-Mediterran. Min-naħa l-oħra, ħafna kienu li ma fehmux li taħt il-kapxin tal-kontinenti (L-Afrika, L-Asja, L-Ewropa) it-tfal kellhom jindikaw pajjiżi li qegħdin mhux biss f'dawk il-kontinenti iżda wkoll jagħmlu mal-Mediterran. Għaldaqstant, tweġibiet bħal Russja fl-Asja, jew Ġermanja fl-Ewropa ma kinux tweġibiet tajbin għaliex dawk m'humiex pajjiżi tal-Mediterran. Xi ftit ħasbu li l-Greċja tagħmel parti ma' l-Asja. Iżda, dawk li poġġew it-Turkija u Ċipru ma' l-Asja jew ma' l-Ewropa ngħataw bħala tajbin.

**Mistoqsija E Dwar il-Valuri u l-Istituzzjonijiet**

**Tip = Ikteb definizzjonijiet**

Fis-sentenzi li nkitbu dwar ix-xogħol, il-lingwa u l-qorti kien hemm bosta definizzjonijiet tajbin ħafna. Min-naħa l-oħra, xi wħud ma setgħux jaraw id-differenza bejn 'edukazzjoni' u 'rispett'. Ukoll dwar dawn il-valuri, bosta tfal kitbu dwar kif jintużaw mingħajr ma spjegaw il-kunċett p.e.

*L-Edukazzjoni tfisser li tkun edukat man-nies.*

*Ir-Rispett tfisser li turi rispett lill-ġenituri.*

Iżjed ma t-tfal jingħataw ċans li jitkellmu, jesprimu ruħhom u jfittxu huma, minflok ma jingħataw malajr t-tweġiba, aktar isiru kapaċi jwieġbu tajjeb eżerċizzju bħal dan.

**Mistoqsija F Dwar il-Gżejjer Maltin**

**Tip = Uża l-Mappa tal-Gżejjer Maltin u Imla tajjeb il-vojt**

It-tfal kellhom jiktbu ismijiet ta' BLIET jew IRĦULA f'kuntest ta' mappa tal-Gżejjer Maltin. Kienu ħafna li ma ntebħux b'dan u niżżlu *Tarzna* flok *Bormla*, *Għadira* flok *Mellieħa.* Bosta kienu dawk li kitbu li l-*Villa Rumana* hija fl-*Imdina* flok fir-*Rabat*.

**Mistoqsija Ġ Dwar il-Jiem Nazzjonali f'Malta**

**Tip = Imla tajjeb il-Vojt u Ikteb dwar jum nazzjonali minnhom**

Ġeneralment l-istudenti marru tajjeb; biss xorta kien hemm min semma` festi pubbliċi flok jiem nazzjonali, ngħidu aħna bħal, *l-Imnarja*, *San Pawl* u festi oħra bħal *Jum il-Ħaddiem* u l-*Milied*. Għat-tieni parti tal-mistoqsija, speċjalment dawk li għażlu '*Jum l-Indipendenza*', ħafna ma kinux jaf jagħtu tifsira tajba ta' dik il-ġrajja. Din il-parti kien fiha tliet marki iżda jidher li bosta ma tawx każ ta' dan u qatgħu fil-qosor ħafna, meta kellhom spazju biżżejjed biex jispjegaw b'ċertu dettall. Jidher li għalkemm għadd kbir ta' tfal jafu liema huma l-Jiem Nazzjonali, bosta minnhom ma jafux x'inhu eżatt 'Jum Nazzjonali'.

Għal darba oħra, wieħed jistaqsi kemm l-għalliema jużaw id-djalogu bejnhom u t-tfal biex jibnu kunċetti u jiċċaraw ideat, jew hemmx iżjed għoti dirett ta' tagħrif mill-għalliem u memorja, aktar minn ħsieb mit-tfal.

**Mistoqsija G Dwar il-Pre-Istorja u l-Istorja ta' Malta**

**Tip = Agħti żewġ eżempji f'kull każ**

Kienet fil-parti G3 li tfixklu l-aktar l-istudenti u semmew lil *La Valette* bħala wieħed mill-periti li ħadem fil-bini tal-Belt Valletta. Kien hemm xi ftit li bħala mqades preistoriċi semmew ħwejjeġ relatati flok ismijiet ta' mqades, ngħidu aħna, *menħir, dolmen, żnied* jew *oraklu*. Ftit oħra ndikaw *Għar Dalam* bħala maqdes preistoriku. Dwar xogħlijiet ta' l-ewwel nies f'Malta xi wħud tfixklu fil-perjodu storiku u semmew *il-buttar, il-landier* jew oħrajn. Dwar bini tal-Kavallieri kien hemm xi tweġibiet vagi bħal *knejjes* u *palazzi*.

**Mistoqsija GĦ Dwar kif tinbena Soċjeta`**

**Tip = Aqra r-rakkont u wieġeb**

Dan kien taħriġ ta' kreattivita` u għalhekk l-istudenti setgħu jagħtu l-interpretazzjoni suġġettiva tagħhom. Bosta kienu t-tfal li wieġbu b'mod ħieles iżżejjed għal kull parti tal-mistoqsija, ngħidu aħna,

- f'GĦ1, xi wħud semmew kull tip ta' xogħol, bla rabta xejn ma' *gżira* u *għelieqi*.
- f'GĦ2, għal 'dwar kif ikun hemm l-ordni' semmew *skola, edukazzjoni, rispett* u oħrajn.
- f'GĦ3, għal 'x'kont tgħallimhom lil dawn in-nies' semmew suġġetti tradizzjonali fl-iskola.
- f'GĦ4, dwar 'Parlament x'inhu?', ħafna studenti taw bosta definizzjonijiet li, għalkemm mhux ħżiena, ma ħaqqhomx il-marki kollha.
- GĦ5, l-istess għat-tifsira ta' 'ċittadin tajjeb', fejn issemmew ħwejjeġ diversi ħafna, minn *tobdi* sa *iżżomm l-ambjent nadif* .

  Dawn it-tipi ta' mistoqsijiet jagħmluha diffiċli ħafna għal min irid jimmarka iżda huma ta' għajnuna kbira għat-tfal għax jagħtuhom opportunita` li jaħsbu u jesprimu ruħhom.

**Mistoqsija H Dwar ix-xogħol fil-fabbriki**

**Tip = Aqra r-rakkont u wieġeb**

X'aktarx l-aktar difett komuni għal mistoqsijiet bħal dawn huwa li t-tweġibiet ikunu vagi jew xotti ħafna. Ngħidu aħna, bosta kienu dawk li dwar '*x'inhi fabbrika*' wieġbu biss bil-frażi '*fejn jaħdmu*'. F'dawn il-każi, fejn tidħol marka waħda, din tingħata. Din li jiktbu vag jew xott, iżda, hi drawwa żbaljata li ma tgħinx biex, f'eżerċizzji ta' aktar marki, l-istudenti jitgħallmu jiktbu ftit jew wisq fit-tul biex jiksbu l-marki kollha.

Dwar il-kontenut tal-mistoqsija, għadd ta' studenti dehru li ma kinux jafu t-tifsiriet ta' *materja prima*, *prodotti* u *esportati*.

**Mistoqsija Ħ Dwar ġrajjiet waqt it-Tieni Gwerra Dinjija**

**Tip = Ikteb rakkont qasir u wieġeb għadd ta' mistoqsijiet**

Fit-tweġibiiet għal din il-mistoqsija t-tfal riedu japplikaw dak li tgħallmu fil-klassi. Ħafna irnexxielhom jiktbu ħames sentenzi fuq x'raw iżda baqgħu biss fuq punt jew tnejn simili ħafna, l-aktar fejn jidħlu mwiet u bini mwaqqa'. Fir-rakkont, xi tfal marru barra mis-suġġett billi kitbu dwar dak li seħħ ġewwa x-xelter, meta kellhom jiktbu dwar dak li raw u ħassew **wara** li ħarġu mix-xelter. Bosta rakkonti kienu tassew sbieħ u mirquma, fejn issemmew anki dettalji eżatti ħafna, ngħidu aħna dwar *Gladiators*, *Spitfires*, *aircraft-carriers* u konvojs. Fl-aħħar parti, fejn l-istudenti kellhom jiktbu dwar il-konvoj ta' Santa Marija, kienu ħafna li milli jidher jaħsbu li dan il-konvoj kien biss bastiment wieħed u għaldaqstant, mhux ftit qalu li dan il-konvoj (sic) kien jismu l-'Ohio'.